IEQAF U AĦSEB

# “Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu, Omm Qaddisa ta’ Alla”



## *Talba tal-Papa Franġisku lill-Verġni Mqaddsa Marija f’dan iż-żmien tal-pandemija Covid-19*

Fil-qagħda ta’ bħalissa, mimlija tbatija u wġigħ li qed jifnu lid-dinja kollha, lejk induru, Omm Alla u Omm tagħna, u nfittxu l-kenn taħt il-ħarsien tiegħek.

O Verġni Marija, dawwar lejna dawk l-għajnejn tiegħek tal-ħniena f’din il-pandemija tal-Coronavirus, u farraġ lil dawk li jħossuhom imfarrka u qed jolfqu minħabba fl-għeżież tagħhom mejtin, xi drabi midfuna b’mod li jħalli ġerħat miftuħa fir-ruħ tagħhom.
Wieżen lil dawk li huma mħassbin għall-persuni morda li, biex ma jirriskjawx li jittieħdu, ma jistgħux ikunu qrib tagħhom. Imla bil-fiduċja lil min jinsab anzjuż għall-futur inċert u għall-konsegwenzi fuq l-ekonomija u fuq ix-xogħol tiegħu.

Omm Alla u Omm tagħna, itlob għalina quddiem Alla, Missier il-ħniena, biex din il-prova iebsa tintemm ħa nerġgħu naraw ix-xefaq tat-tama u tas-sliem. Bħal f’Kana, indaħal int quddiem l-Iben Divin tiegħek, u itolbu jrodd faraġ lill-familji tal-morda u tal-vittmi u jiftħilhom qlubhom għall-fiduċja.

- Żomm idejk fuq it-tobba, l-infermiera, il-ħaddiema fl-isptarijiet, u l-voluntiera li f’din l-emerġenza jinsabu fuq quddiemnett u qed iqiegħdu ħajjithom f’riskju biex isalvaw ħajjiet oħra. Sieħeb int it-taħbit erojku tagħhom u agħtihom qawwa, tjieba u saħħa.
- Kun qrib ta’ dawk li lejl u nhar jassistu lill-morda, kif ukoll tas-saċerdoti li qed ifittxu li jgħinu u jwieżnu lil kulħadd b’attenzjoni pastorali u ħeġġa evanġelika.
- Dawwal l-imħuħ tax-xjenztisti biex isibu soluzzjonijiet ġusti ħalli tingħeleb dil-marda.
- Għin lill-Mexxejja tan-Nazzjonijiet, biex iħabirku b’għerf, għożża u ġenerożità, u jagħtu l-għajnuna lil dawk li m’għandhomx il-meħtieġ biex jgħixu, jippjanaw soluzzjonijiet soċjali u ekonomiċi b’viżjoni fit-tul u bi spirtu ta’ solidarjetà.

Maħbuba Omm tagħna, seddaq fid-dinja kollha s-sens ta’ appartenenza għal familja waħda kbira, fl-għarfien tar-rabta li xxierek lil kulħadd, biex bi spirtu ta’ aħwa u ta’ solidarjetà nagħtu l-għajnuna tagħna f’tant sitwazzjonijiet ta’ faqar u ta’ miżerja. Ħeġġiġna biex inżommu sħaħ fil-fidi, nipperseveraw fil-qadi, u ma nehdew qatt nitolbu.

O Marija, Faraġ tal-imġarrbin, ħaddan miegħek lil uliedek kollha tturufnati u itlob lil Alla biex ma jdumx ma jerfa’ d-driegħ setgħan tiegħu u jeħlisna minn din l-epidemija terribbli, biex hekk il-ħajja tista’ terġa’ lura b’serenità għar-ritmu normali tagħha.

Fik nafdaw, int li bid-dija tiegħek iddawwal il-mixja tagħna bħala sinjal ta’ salvazzjoni u ta’ tama, o ħanina, o pija, o ħelwa Verġni Marija. Ammen.



PARROĊĊA TA’ ĦAL SAFI

# KONVERŻJONI TA’ SAN PAWL

Tel: 21 649 223






*Messaġġ tal-Kappillan*

## MHUX NEVITAW IL-PROBLEMI, IMMA LI NILQGĦUHOM BĦALA SFIDI LI JKABBRUNA

Ma nafx eżatt għaliex imma, dan iż-żmien partikulari li qed ngħixu fih minħabba l-COVID-19, bir-restrizzjonijiet, il-limitazzjonijiet u d-diffikultajiet kollha li fih, fakkarni fi ktieb ta’ Jim Stovall li saħansitra inħadem ukoll film: *‘The Ultimate Gift’*, u li fir-Randan tal-2018 konna rriflettejna fuqu fis-Seminar li għamilna għall-Koppji Miżżewġa.

### *Fhiex jikkonsisti l-Ktieb jew Film ‘The Ultimate Gift’*

L-istorja tibda mill-funeral ta’ Red Stevens, billjunarju li kellu familja mdaqqsa – b’karattri ikkuluriti sew – u fosthom neputi, Jason Stevens, żagħżugħ ta’ ċertu età, orfni minn missieru sa’ minn età żgħira, u b’ommu aktar ma tagħtix każu milli tieħu ħsiebu, u li għalhekk kien qed jispiċċa jgħix f’ħajja ta’ ċertu lussu, iżda żgur bla ebda prinċipju u motivazzjoni. Dan tal-aħħar jasal għad-difna fl-aħħar mumenti u bi storbju sħiħ li ġibed l-attenzjoni mhux ħażin għar-rispett nieqes aktar milli muri li jiġi ppreżentat bih.

Wara dan il-mument il-membri tal-familja jerġgħu jiltaqgħu minħabba l-qari u l-eżekuzzjoni tat-testment, u Jason ukoll jiġi msejjaħ jattendi, fl-assenza ta’ missieru li kien miet diversi snin qabel. Hu jerġa’ jasal tard għal-laqgħa, prattikament x’ħin kull membru tal-familja jkun ħiereġ deluż u rrabjat li tant ġid ma setax jiġi ikkontrollot minnhom, u hekk jaħsiba għandux jitlaq hu wkoll.

Imma fuq kelma ta’ ommu jibqa’ u x’ħin jidħol quddiem Mr Hamilton, l-eżekutur tat-testment u ħabib tal-qalb ta’ Red, isir jaf b’*The Ultimate Gift* li kellu jingħatalu wara serje ta’ *Gifts* li Jason innifsu kellu jitgħallem jakkwista jekk joqgħod għal dak li n-nannu Red kien ser jisfidah għalihom permezz ta’ *video clips* u xi ittri, b’kundizzjonijiet partikulari, li kien rrekordja jew kitiblu qabel mewtu, għax fih kien jara lil xi ħadd speċjali li qatt ma tah l-opprtunità li jsir jafu sew u li jħallih iħobbu kif dejjem xtaq.

U Jason, b’xi mod, wera ftit interess u hekk daħal għal din l-avventura ta’ doni, għall-bidu mingħajr l-ebda idea la ta’ paċenzja u lanqas ta’ x’kien hemm lest għalih. Biss b’din l-avventura kien konvint li seta’ jasal jakkwista l-aħħar rigal, li għalih kien biss il-wirt enormi imħolli minn nannuh.

### *Il-Tixbieha tal-Ferħ tal-Għasfur li jissielet biex joħroġ mill-bajda*

F’mument minnhom, Red Stevens jgħid hekk: *“Wieħed mill-akbar żbalji f’ħajti kien li ngħatti tant persuni, inkluż lilek, mill-problemi tal-ħajja. Minħabba interess żejjed li jien deherli li hu għall-ġid tiegħek, jien spiċċajt neħħejt l-abilità tiegħek biex tiffaċċja u teħodha kif xieraq mal-problemi tal-ħajja billi għamilt minn kollox biex inwarrabhomlok mill-ambjent tiegħek.”*

Għaldaqstant Red ra li lil Jason jitneħħielu dak kollu li kellu mill-ġid materjali: affarijiet u flus, sabiex ikun jista' jgħallmu li li wieħed jissielet fil-ħajja huwa importanti, anzi meħtieġ biex ikun jista' jimxi 'l quddiem u jikber, l-aktar billi jirrealizza li madwaru hemm nies li qed jiffaċċjaw problemi wisq akbar minn tiegħu, u li b'ċertu esperjenza kienu qed jiksbu ħiliet li jgħinuhom jirbħu u jimxu 'il quddiem. Il-ħsieb tan-nannu huwa rifless bl-aktar mod qawwi f'din it-tixbieha:

*"Għasfur irid jagħmel l-almu tiegħu biex joħroġ mill-bajda. Xi ħadd b'intenzjoni tajba jista' jneħħi l-qoxra tal-bajda biex il-ferħ tal-għasfur ikun jista' jeħles u joħroġ biex jiffaċċja l-ħajja. Il-persuna tista' timxi 'l hemm u tħossha hienja għax fl-opinjoni tagħha tkun għamlet servizz utli ferm lill-għasfur, meta fil-fatt ikun ħalla lill-għasfur f'kundizzjoni żvantaġġjata għax nieqes mill-abilità li jgħix fl-ambjent proprju tiegħu. Hekk minflok għen lill-għasfur, il-persuna spiċċat kisritu. Hi biss kwistjoni ta' żmien sakemm xi ħaġa mill-ambjent naturali tal-għasfur tqum u tattakkah, u l-għasfur min-naħa tiegħu ma jkollu l-ebda abilità li jiffaċċja l-problema li suppost tgħinnu jikber aktar milli tfarrku. ... Jekk aħna ma jkollniex il-possibiltà li neħduha ma' problemi żgħar, aħna niġu mfarrka u meqruda minn dawk ħarira akbar. Meta aħna nkunu kapaċi nifhmu dan, aħna nkunu nistgħu ngħixu ħajjitna b'mod li mhux nevitaw il-problemi, imma li nilqgħuhom bħala sfidi li jqawwuna b'tali mod li nsiru rebbieħa fil-futur."*

### *Il-COVID-19 u b'liema mod ser ngħixu 'il quddiem*

Ilkoll naqblu li dawn il-mumenti bir-restrizzjonijiet u d-diffikultajiet li qed ikollna niffaċċjaw, jistgħu iservu bħala mumenti speċjali wkoll biex nevalwaw lilna nfusna, it-tamiet u l-għażliet prijoritarji u ta' valur għal ħajjitna, ħalli nibnu futur aħjar. U t-tixbieha tal-għasfur li Red offrilna hija tixbieha ferm utli għalina sabiex nagħrfu li din il-problema għandna nilqgħuha bħala sfida li tgħinna naraw kif inħarsu u ngħixu bħala don dawn l-aspetti hekk importanti f'ħajjitna, liema aspetti kienu d-doni li n-nannu Red ra kif għamel biex Jason ikun jista' jakkwista: (1) Ix-Xogħol; (2) Il-Valur tal-Flus; (3) Il-Ħbieb; (4) Il-Problemi; (5) Il-Familja; (6) It-Tagħlim; (7) Id-Daħk; (8) Il-Ħolm; (9) Il-Ġenerożità; (10) Il-Gratitudni; (11) Jum "Perfett"; u (12) L-Imħabba.

Fil-proċess li jikseb dawn id-doni, Jason jitgħallem li *"l-ħajja li tingħex fil-milja tagħha hija l-aqwa u l-aħħar don innifsu."* Hekk Jason kiseb il-qawwa tar-rieda u r-riżorsi biex imexxi ħajja bis-sens u li jgħaddi l-għarfien u l-għerf miksub minnu lil persuni oħra fil-bżonn ta' ispirazzjoni u jara kif il-ġid kollu, spiritwali u materjali, ikun ta' ġid fl-oqsma tas-saħħa, tal-edukazzjoni, tal-karità, eċċ..

U aħna, bħala ċittadini Maltin, Ewropej, Dinjija, u fuq kollox bħala Nsara, lesti li nħallu dan iż-żmien partikulari tal-Għid bid-don qawwi ta' Kristu Rxoxt, hekk uniku għal ħajjitna, iservina ta' proċess li fih, donnu bħal Jason, naslu li niskopru d-doni hekk essenzjali għal ħajjitna li jgħinuna ngħixu bis-sens u f'armonija sħiħa ma' xulxin, f'relazzjonijiet b'saħħithom u f'sikkithom, bħala aħwa u wlied l-istess Missier?

Ejjew niftakru:

***"Kif ħabbni Missieri,
hekk ħabbejtkom jiena.
Ibqgħu fl-imħabba tiegħi. ...
Għedtilkom dan biex il-ferħ tiegħi
jkun fikom,
u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ.
Dan hu l-kmandament tiegħi:
li tħobbu lil xulxin
kif ħabbejtkom jien.
Ħadd ma għandu
mħabba akbar minn din:
li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu.
... Sejjaħtilkom ħbieb,
għaliex kulma smajt
mingħand Missieri
jiena għarrafthulkom."***

[Ġw. 15: 9.11-13.15b]






# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Mejju 2020

## *F'każ li jagħtuna d-Direttiva li nistgħu niċċelebraw l-Attivitajiet Reliġjużi*

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 1 ta' Mejju | **S. Ġużepp Ħaddiem - L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 3 ta' Mejju | **Ir-Raba' Ħadd tal-Għid - Jum il-Vokazzjonijiet** |
| Il-Ħamis 7 ta' Mejju | Fis-6:30pm - Quddiesa animata mill-membri tal-oqsma tal-MUSEUM fil-parroċċa tagħna b'rabta mal-**Festa ta' San Ġorġ Preca**. |
| Il-Ġimgħa 8 ta' Mejju | **Tifkira tal-Madonna ta' Pompej**<br>Fil-11:15am - Rużarju<br>Fil-11:30am - Quddiesa, li tagħlaq bis-Supplika lill-Madonna u tingħata il-Barka Sagramentali |
| Is-Sibt 9 ta' Mejju | **Festa ta' San Ġorġ Preca** |
| Il-Ħadd 10 ta' Mejju | **Il-Ħames Ħadd tal-Għid – *Jum l-Omm***<br>Fis-6:00pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(u mhux fil-knisja parrokkjali)* |
| Il-Ħadd 17 ta' Mejju | **Is-Sitt Ħadd tal-Għid** |
| Il-Ħadd 24 ta' Mejju | **It-Tlugħ tal-Mulej fis-Sema – Lapsi**<br>Jum Dinji tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali.<br>Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jiġu ppreżentati dawk li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof. |



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***

Joseph Gatt
Jacqueline Mary Cachia
Gregory (K/a Gori) Farrugia

**Nitolbu għalihom**

